Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 448/2010AE

**Frank Gollcher**

**Vs**

**Euroshops Limited**

L-Erbgha, 27 ta' Jannar 2016.

Il-Qorti,

Rat l-avviz ta' l-attur fejn stqarr illi l-kumpannija konvenuta hi debitrici tieghu fis-somma ta' elf seba' mija u tlett Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,703.28) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lill-istess kumpannija. Illi ghalkemm il-kumpannija intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut, baqghet ma hallsitx.

Rat ir-risposta tal-kumpannija intimata Euroshops Limited fejn wiegbet illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149 tal-Kodici Civili, u illi l-ammont mitlub mhux dovut stante li kull ammont li seta' kien dovut kien gie mhallas.

Rat is-sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-18 ta' Marzu 2011 li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u dik tal-4 ta' Mejju 2012, fejn gew michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u ntlaqghet it-talba tal-attur. It-Tribunal ikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf seba' mija u tliet Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,703.28c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba. Bl-ispejjez a karigu tal-kumpannija konvenuta.

Il-kumpannija konvenuta appellat mis-sentenzi. F'dan ir-rigward qalet li l-hlas li sar f'April 2009 qatt ma kien in-natura ta' hlas akkont izda dejjem kien hlas *ex gratia*. Ifisser li l-appellanti dejjem ikkontesta li seta kien hemm xi hlas bilancjali dovut izda hallas purament minhabba r-relazzjoni tajba li kien hemm bejn il-partijiet. Illi jfisser ghalhekk li r-ragunament tat-Tribunal kien zbaljat kemm fil-fatt kif ukoll fil-ligi. Irid jinghad ukoll li dan huwa ragunament li frankament imur direttament kontra d-dettam tal-istitut tal-preskrizzjoni li huwa istitut ta' natura pubblika u li ghandha importanza fondamentali fil-ligi nostrana. L-appellat odjern kellu z-zmien kollu li jaghraf jaghmel it-talbiet tieghu bil-mod li trid il-ligi – ossia permezz ta' ittra gudizzjarja jew b'kawza – u wara li skorra l-perjodu preskrittiv l-appellanti ex-grazia u allura, biex

nghidu hekk, *as a gesture of goodwill* hallsu xi haga zghira lill-appellati. Ta' dan l-attur ipprofitta ruhu biex wasal sabiex ghamel il-kawza odjerna.

L-appellanti kompliet argumentat ukoll li r-ragunament tat-Tribunal kien zbaljat ghaliex injora ghal kollox ix-xhieda ta' Louis Farrugia li kkonferma li kien qed isir *accrual* ghall-hlasijiet dovuti lill-appellant proprju fl-ammont ta' Lm300. Dana ma giex kontestat mill-appellat.

L-attur appellat ipprezenta twegiba (6 ta' Gunju, 2012) fejn wiegeb illi l-allegazzjoni tas-socjeta' appellanti li tikkoncerna hlas li sar f'April 2009, ma tirrizulta mkien mill-atti u ghalhekk it-Tribunal kien korrett fil-mod li ddecieda. Illi forsi s-socjeta' appellanti ppretendiet li galadarba kien hemm originarjament relazzjoni tajba bejn il-partijiet u allegatament l-ahhar pagament kien wiehed *ex gratia*, allura l-appellat ma kellux japprofitta ruhu u jintavola l-kawza odjerna.

Illi l-appellat certament ma kienx qed jistenna li jsir xi tip ta' pagament biex jiehu l-opportunita' u jintavola dawn il-proceduri, izda kif jirrizulta mix-xhieda tieghu u mid-dokumenti esebiti minnu fejn sahansitra ghamel proposta biex tinqasam id-differenza ta' l-*audit fee* bejn il-partijiet, l-imsemmi appellat kien qed jittenta jasal ghal kompromess mas-socjeta' appellanti sal-mument li ntavola l-kawza odjerna.

Illi kemm fl-affidavit tieghu u kemm meta xehed, l-*accountant* tas-socjeta' appellanti, Louis Farrugia ghamilha cara li din l-*accrual* kienet ***provisional***. Illi dan proprju ghaliex l-appellat kien jikkonferma l-ammont finali tad-dritt tieghu wara li jezegwixxi l-inkarigu tieghu ghaliex b'hekk seta' jikkwantifika u jikkonsidra x-xoghol u wkoll ir-riskju nvolut.

Rat l-atti.

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Il-kawza titratta talba ghall-hlas ta' €1,703.28, bilanc ta' dritt professjonali li l-attur jippretendi minghand is-socjeta konvenuta. Hemm qbil li l-attur kien gie nkarigat sabiex jaghmel l-*audited accounts* tal-kumpannija konvenuta ghas-snin 2005, 2006 u 2007.

2. **Sentenza parzjali tat-18 ta' Marzu 2011**.

   It-Tribunal iddikjara li ghal kaz in ezami kienet tapplika l-preskrizzjoni estintiva ta' sentejn (l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili), li jipprovdi li tapplika preskrizzjoni ta' sentejn ghal

   *"l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu"*.

Mill-atti jirrizulta li s-servizz inghata matul is-sena 2007. Fil-fatt l-attur kien baghat ittra lill-konvenuta, datata 15 ta' Awissu 2007 (fol. 23) fejn elenka x-xoghol li ser iwettaq. Ghall-qorti dan ifisser li x-xoghol sar wara dakinhar.

Eventwalment l-attur hareg kontijiet ghal *audit* ta' kull sena li ghamel, fl-ammont ta' €1,511.76. Fil-fatt mid-dokumenti a fol. 27 jidher li l-kontijiet inhargu fl-1 ta' Jannar 2008 (ara wkoll dokument a fol. 28). Jirrizulta li l-attur ircieva tlett pagamenti minghand is-socjeta konvenuta, u cjoe' €1,500 fis-27 ta' Frar 2009, €900 u €432 fl-14 ta' April 2009 (fol. 27). Hu evidenti li l-pagamenti saru meta l-perjodu ta' sentejn kien ghadu ma skadiex. Ghalhekk kull meta sar pagament, kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Peress li l-kawza giet prezentata fis-26 ta' Marzu 2010 m'hemmx dubju li l-azzjoni tal-attur m'hijiex milquta minn preskrizzjoni.

Il-konvenuta ssostni li l-hlas li sar f'April 2009 kien *ex gratia* u ghalhekk ma jservix ghal finijiet ta' rinunzja jew interruzzjoni ta' preskrizzjoni. Mill-atti dan 'il fatt ma jirrizultax. Kien b'email datata 7 ta' Dicembru 2009 li jirrizulta li l-konvenuta ghamlet offerta li thallas €300 *"... as an ex gratia payment to close the dispute"* (fol. 33), cjoe' wara z-zewg pagamenti li saru f'April 2009.

Dan l-aggravju hu michud.

3. **Sentenza tal-4 ta' Mejju 2012**.

Il-konvenuta bbazat l-aggravju fuq l-apprezzament tal-provi u argumentat li t-Tribunal ma kellux joqghod fuq dak li xehed l-attur u jinjora dak li qal ix-xhud Louis Farrugia:

*"…. li kien qed isir accrual ghall-hlasijiet dovuti lill-appellant proprju fl-ammont ta' Lm300. Dan ma giex kontestat mill-appellat"*[1]

Skond il-konvenuta din hi prova li kien hemm ftehim li l-hlas ikun ta' Lm300 fis-sena. Il-konvenuta kompliet tghid:

*"Mhux xi terza persuna kwalunkwe izda l-accountant li kien qed jiehu hsieb l-accounts tal-kumpannija li dwarhom eventwalment saru l-audits taghhom l-appellat qed jallega li ma thallasx"*.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellanti hu bazat fuq dak li xehed Louis Farrugia fis-seduta tat-8 ta' Frar 2012:-

[1] Rikors tal-appell (fol. 4).

*"Jien niftakar peress li kienet kumpannija gdida u meta tkellimt ma' Frank Gollcher konna ftehemna dwar fee ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300), u dawn bhala audit fee fis-sena. Fil-fatt ikun hemm provision ghaliha fil-kotba stess din l-ispiza. Fil-fatt kif ghandu jirrizulta kien hemm provision fil-kotba ghal fee f'dan l-ammont"* (fol. 60).

Pero' l-appellanti qeghda ticcita dak li jaqblilha. Louis Farrugia xehed ukoll:

i. Fl-imsemmija seduta: *"Qed jigi suggerit lili illi dawn it-tliet mitt lira Maltin (Lm300) kienu provisional skont ta' kif hdimtha jiena, u nikkonferma li iva"* (fol. 61).
ii. F'affidavit: *"Nikkonferma li din is-socjeta kienet appuntat lil Frank Gollcher bhala awditur taghha. Kienet accettat li sakemm l-istess Frank Gollcher kellu jaghmel l-ewwel audit fejn b'hekk seta' jikkwantifika x-xoghol involut u jikkonferma d-dritt annwali tieghu,* ***kien ser jkun hemm accrual provizorju ta' Lm300"*** (affidavit a fol. 49).

Sahansitra f'email datata 4 ta' Mejju 2010 li Louis Farrugia baghat lill-attur, kiteb:

*"With regards to the audit fee for work to be carried out at Euroshops Ltd, we had discussed your appointment as auditor of the company, and being a new company,* ***we decided to accrue a provisional audit fee of Lm300 yearly****.*

***Then it was up to you as an auditor, after carrying and quantifying the amount of work and risk involved in carrying out the audit, to determine the final amount of fee to be charged"*** (fol. 32).

L-accrual ta' Lm300 fis-sena kienet **biss** provizorja. Inoltre l-istess xhud qal ukoll li dak l-ammont ma kienx jinkludi *".... servizzi ohra li kienu ser jithallsu separatament"*. L-aggravju tal-appellanti dwar is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2012 hu mibni biss fuq dak li qal Louis Farrugia. Aggravju li ma kellux pedament.

M'hemmx dubju li t-Tribunal ghamel apprezzament ragunat tal-provi u wasal ghal konkluzjoni korretta.

Dan l-aggravju hu michud.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta. Peress li tqies li l-appell hu fieragh, tikkundanna lis-socjeta konvenuta biex thallas lill-appellat Gollcher l-ispejjez ghal darbtejn.**

Anthony Ellul.